Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,596, 26 ta' Marzu, 2021

Taqsima B

A.L. 120 tal-2021

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży (Emenda Numru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10(3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, il-Ministru għas-Saħħa, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2021 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży (Emenda Numru 2), u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, liema l-Ewwel Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-ordni msejħa "l-Ewwel Skeda".

Kap. 101.

(2) Dan l-ordni jimplimenta d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/1687 tat-2 ta' Settembru 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI fir-rigward tal-inklużjoni tas-sustanza psikoattiva ġdida *N,N*-dietil-2-[[4-(1-metiletossi)fenil]metil]-5-nitro-1H-benżimidażol-1-etanammina (isotonitażen) fid-definizzjoni ta' "droga".

Jemenda t-Taqsima I tal-Ewwel Skeda.

2. Minnufih wara l-partita "ISOMETHADONE" tat-Taqsima I tal-Ewwel Skeda, għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"ISOTONITAŻEN, *N,N*-dietil-2-[[4-(1-metiletossi)fenil]metil]-5-nitro-1H-benżimidażol-1-etanammina".